MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1287/2007

**Avukat Peter Fenech bhala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera *Nokia Corporation***

***Versus***

**Avukat Renzo Porsella Flores u P.L. Veronica Rossignaud maħtura b'dikriet tat-28 ta' Diċembru 2008 kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti soċjetà esportatriċi *AG.COM.SAN KAM YIP* u lill-kunsinjatarju *STE SOLARADEL S.A.R.L.***

Din il-kawża hija dwar proprjetà industrijali.
Is-soċjetà attriċi tgħid illi hija s-sid tad-drittijiet reġistrati bħala *trademarks* ma' l-Uffiċċju tal-Proprjetà Industrijali magħrufa bħala *NOKIA*. Dawn id-drittijiet kienu ġew reġistrati fit-18 ta' Ottubru 2001, u mogħtija n-numru ta' reġistrazzjoni 33323 u 33324.
Fl-14 ta' Novembru 2007 fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk daħal *contaniner* fuq il-vapur *CMA-CGM WAGNER* u li l-*container* bin-numru UNIU 4031048 kien fih total ta'

sbatax-il elf u erba' mitt (17,400) *mobile phone covers* kollha bil-marka *NOKIA*, li s-soċjetà attriċi kellha għax taħseb li kienu foloz. Mill-kampjuni li ttieħdu ħareġ illi l-aċċessorji tal-*mobile* kienu nħadmu u esportati mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà attriċi, u t-*trademarks* miġjuba fuq l-aċċessorji tal-*mobile* kienu foloz.

Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex iżomm il-merkanzija ġewwa Malta sakemm, kif irid l-art. 7 tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta, hija tmexxi b'kawża ċivili għal deċiżjoni dwar in-natura tal-merkanzija miżmuma. Il-merkanzija nqabdet mill-Port Ħieles u l-Kontrollur tad-Dwana jaf illi l-konsenjatarju huwa *STE SOLARADEL S.A.R.L.* minn Fes, l-Marokk, dan skond dak ċitat fil-polza ta' tagħbija numru SZ1378720.

Is-soċjetà attriċi issa fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tiddikjara illi l-konsenja ta' l-aċċessorji tal-*mobile* tal-marki *NOKIA* misjuba fil-*container* li wasal fil-Port Ħieles fuq il-vapur *CMA-CGM WAGNER* hija falza;
2. tgħid illi l-produzzjoni tal-aċċessorji tal-*mobile* minn terzi persuni mhux magħrufa jikser id-drittijiet tas-soċjetà attriċi bħala sid reġistrat, skond il-liġi, tal-marki *NOKIA*; u
3. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jeqirdu l-aċċessorji tal-*mobile* foloz fi żmien qasir u perentorju li tiffissa l-qorti.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom it-trasport, l-imgħaxijiet fuq id-depożitu li kellu jsir sabiex il-merkanzija nżammet Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, l-ispejjeż sabiex il-*container* u l-merkanzija nżammu mid-Dipartiment tad-Dwana, u l-ispejjeż sabiex tinqered l-merkanzija falza.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru f'isem il-konvenuti, li huma assenti minn Malta, wieġbu li ma jafux il-fatti tal-każ.

Mix-xhieda mressqa mis-soċjetà ħareġ illi l-aċċessorji tal-*mobile*, għalkemm għandhom il-marka tas-soċjetà attriċi, ma humiex ġenwini, u huma bi ksur tal-jeddijiet ta' proprjetà industrijali tas-soċjetà. Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà għandhom jintlaqgħu.

Għal din ir-raġuni l-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi l-konsenja ta' l-aċċessorji tal-*mobile* tal-marki *NOKIA* misjuba fil-*container* li wasal fil-Port Ħieles fuq il-vapur *CMA-CGM WAGNER* hija falza, u saret bi ksur tal-jeddijiet

ta’ proprjetà industrijali tas-soċjetà attriċi, tagħti lill-Kontrollur tad-Dwana, jekk meħtieġ bil-għajnuna tal-Pulizija Esekuttiva, is-setgħa li minnufih jeqred il-konsenja fil-preżenza ta’ rappreżentanti tas-soċjetà attriċi.

Tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------